**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 30 ta' Marzu, 2022**

**Rikors Guramentat Nru: 691/2017 AF**

**Charles Schembri f'ismu proprju ezercenti l-kummerc taht l-isem ta' Tecnomarine kif ukoll in rapprezentanza tas-socjetà Tecnomarine Holdings Limited (C-40771)**

**vs**

**Trader Marine Yacht Services Limited (C-12599) u b'digriet tal-24 ta' Mejju 2018, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat li tissejjah fil-kawza s-socjetà "Crusader International Limited"**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Charles Schembri f'ismu proprju eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem ta' Tecnomarine kif ukoll in rappreżentanza tas-soċjetà Tecnomarine Holdings Limited li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Fis-sena 2007, u fuq istruzzjoni tas-socjetà intimata, d-dghajsa *MV French Kiss* ittellghet fil-boatyard tar-rikorrenti u dan ghaz-zewg ragunijiet, u cioè ghall-istorage ta' din id-dghajsa, u sabiex ir-rikorrenti jaghmlu dawn ix-xogholijiet necessarji fuq l-istess dghajsa.

Waqt li din id-dghajsa kienet fil-boatyard tar-rikorrenti, inbdew proceduri legali bejn is-socjetà intimata u socjetà ohra – is-sid tad-dghajsa in kwistjoni *MV French Kiss*, li hija s-socjetà Crusader International Limited C-29835.

Fis-27 ta' Mejju 2010, is-socjetà intimata Trader Marine Yacht Services Limited talbet il-hrug ta' mandat ta' qbid kawtelatorju kontra s-socjetà Crusader International Limited fejn l-oggett mitlub ghall-qbid kienet id-dghajsa *MV French Kiss*. L-intimat Trader Marine Yacht Services Limited qabdet lir-rikorrenti, jew min minnhom, sabiex joqoghdu bhala konsenjatarju, u dawn accettaw hekk kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni hawn esebita in konnessjoni ma' dan il-mandat ta' qbid. Dan il-mandat gie akkordat bin-numru ufficcjali 850/10 kopja legali ta' liema qed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok. "THL.1".

B'hekk sa dakinhar tal-hrug tal-mandat kienu digà saru kemm xogholijiet fuq din id-dghajsa kif ukoll storage tal-istess fil-boatyard tar-rikorrenti u kienu jinhargu kontijiet regolarment liema kontijiet ghadhom pendenti sal-lum.

Il-hrug ta' dan il-mandat, intalab mis-socjetà intimata kontra Crusader International Limited – u cioè sid id-dghajsa, sabiex jigi ikkawtelat ammont pretiz mis-socjetà intimata fl-ammont ta' tmienja u ghoxrin elf, u hamsa u hamsin Ewro u sitt centezmi (€28,055.06), bl-ispejjez u l-imghax rizervat. Isir enfasi fuq il-

fatt li f'dan il-mandat saret referenza wkoll ghall-ammonti relatati ma' storage tad-dghajsa.

Il-proceduri bejn is-socjetà intimata u Crusader International Limited gew decizi fis-26 ta' Mejju 2016 Rikors Numru 541/2010SM fl-ismijiet Trader Marine Yacht Services Limited C-12599 vs Crusader International Limited C-29835, liema sentenza llum hija *res judicata* peress li hadd mill-partijiet ma' ntavola Appell.

Fil-frattemp din id-dghajsa dejjem baqghet fil-boatyard tar-rikorrenti u mid-data tal-hrug tal-mandat ta' qbid in kwistjoni sal-lum huwa r-rikorrenti jew min minnhom baqghu jagixxu bhala konsenjatarju, u dan ai termini tal-mandat 850/2010.

Kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni ta' din il-kawza s-socjetà intimata kienet ilha tinhadem bir-rikorrenti u kienet ben konsapevoli x'inhuma r-rati ta' storage fl-istess boatyard, u dan apparti l-fatt li r-rikorrenti baghtu fatturi regolari lis-socjetà intimata, u din tal-ahhar dejjem twieghed il-hlas.

Nonostante d-diversi interpellazzjonijiet s-socjetà intimata baqghet inadempjenti u xejn ma thallas la tax-xoghol u storage ta' qabel il-hrug tal-mandat u lanqas ghas-servizz li nghatalu lill-intimat peress li huwa stess innomina lir-rikorrenti bhala kunsinnatarju.

Konsegwentement ir-rikorrenti pprezentaw ittra ufficcjali kontra s-socjetà intimata liema ittra qed tigi esebita u mmarkata bhala Dok. "THL.2".

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Il-fatti li jifformaw parti mill-premessi huma maghrufa lir-rikorrent personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara lis-socjetà intimata bhala l-persuna responsabbli ghall-hlas fl-ammont ta' €6,420 dovut lir-rikorrenti jew min minnhom in konnessjoni max-xoghol u servizzi nkluz

storage, tad-dghajsa MV French Kiss, u liema xoghol u servizzi saru/inghataw fuq istruzzjoni tas-socjetà intimata qabel il-hrug tal-mandat ta' qbid kawtelatorju.

2. Tikkundanna lis-socjetà intimata sabiex thallas dan l-ammont lir-rikorrenti jew min minnhom.

3. Tiddikjara lis-socjetà intimata bhala l-persuna responsabbli ghall-hlas ta' kull dritt spettanti lir-rikorrenti jew min minnhom, relatati mal-inkarigu moghti lilhom jew min minnhom bhala kunsinnatarju ai termini tal-mandat ta' qbid mahrug mill-istess socjetà intimata fl-ismijiet: Trader Marine Yacht Services Limited vs Crusader International Limited numru 850/10.

4. Tillikwida l-ammont dovut lir-rikorrenti jew min minnhom ai termini tan-nomina ta' kunsinnatarju ghall-finijiet tal-mandat ta' qbid, u f'liema kapacità r-rikorrenti jew min minnhom ilhom izommu din id-dghajsa fil-boatyard minn dak in-nhar tal-hrug tal-mandat in kwistjoni sal-lum.

5. Tikkundanna lis-socjetà intimata sabiex thallas lir-rikorrenti jew min minnhom l-ammont hekk likwidat minn din l-Onorabbli Qorti qua drittijiet u spejjez tar-rikorrenti jew min minnhom bhala kunsinnatarju mid-data tal-hrug tal-mandat ta' qbid 850/10 sal-gurnata li din id-dghajsa tibqa' fil-boatyard tal-istess rikorrenti.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-precitata ittra ufficcjali u tar-rikors prezentat fl-atti tal-mandat numru 850/10 u bl-imghax legali dekoribbli mid-data tax-xoghol u/jew servizz moghtija kontra s-socjetà intimata, li r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta tas-soċjetà konvenuta Trader Marine Yacht Services Limited, li permezz tagħha eċċepiet illi:

It-talbiet tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez ghaliex is-socjetà intimata mhix il-

persuna responsabbli ghall-hlas ta' Ewro6420 u/jew tal-ammonti l-ohra mitluba mir-rikorrenti.

Ghandha tigi kjamata fil-kawza Crusader International Limited (C-29835) li hija sid tad-dghajsa in kwistjoni u hija s-socjetà responsabbli ghal kull ammont dovut in konnessjoni mal-istorage tad-dghajsa taghha.

Minghajr pregudizzju ghal fuq espost, illi qabel ma nhareg il-mandat kien sar ftehim li r-rikorrenti jaccettaw li zzommu din id-dghajsa French Kiss u semmai tithallas mill-eventwali bejgh tal-istess dghajsa li ghada fil-pussess tal-istess rikorrenti.

Ir-rikorrenti lanqas jafu min minnhom huwa intitolat ghal ammonti mitluba u dan ghaliex jafu li fil-fatt fir-rikors taghhom jghidu li l-ammont ghandu jigi mhallas "lir-rikorrenti jew min minnhom".

Mhux minnu li s-socjetà intimata kienet twieghed il-hlas, anzi l-ftehim dejjem kien li r-rikorrenti kellhom jithallsu bil-bejgh tad-dghajsa.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet kamerali tal-24 ta' Mejju 2018 li permezz tiegħu ġie ordnat li tissejjah fil-kawża s-soċjetà Crusader International Limited.

Rat illi minkejja li debitament notifikata bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni, l-imsejħa fil-kawża ma ppreżentat l-ebda risposta għat-talbiet attriċi.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-atturi u tas-soċjetà konvenuta.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qed jitolbu lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas għax-xogħlijiet esegwiti minnhom fuq id-dgħajsa *MV French Kiss* u kif ukoll għall-ħażna ta' din id-dgħajsa inkluż għaż-żmien illi l-attur tqabbad bħala kunsinnatarju fil-mandat ta' qbid fl-ismijiet Trader Marine Yacht Services Limited vs Crusader International Limited bin-numru 850/2010.

Mill-provi prodotti jirriżulta li f'Mejju tas-sena 2007 Edward Woods għan-nom tas-soċjetà konvenuta kien talab lill-attur sabiex iżomm id-dgħajsa *MV French Kiss* fil-*boat yard* tiegħu u dan sabiex isiru xi xogħlijiet fuq l-istess dgħajsa u kif ukoll sabiex id-dgħajsa tiġi maħżuna hemm. Mill-atti ma jirriżultax preċiżament x'kien il-ftehim bejn il-partijiet la dwar ix-xogħlijiet u lanqas dwar kemm kellha ddum id-dgħajsa fil-*boat yard* tal-atturi. Madanakollu, jidher illi Woods kien aċċerta lill-attur illi sid id-dgħajsa kienet ser tħallas.

Din id-dgħajsa hija proprjetà tas-soċjetà imsejħa fil-kawża. L-attur jgħid illi huwa fil-fatt kien jaf li din id-dgħajsa kienet tappartjeni lil xi klijenta ta' Woods, imma li hu dejjem ma' Woods kellu x'jaqsam u fil-fatt, il-kontijiet dejjem bagħathom lilu.

Jirriżulta li qamet kwistjoni bejn il-konvenuta u l-imsejħa fil-kawża dwar pagamenti u allegati ħsarat kemm fid-dgħajsa *de quo* u kemm f'dgħajjes oħra u għalhekk, fl-2010, il-konvenuta pproċediet b'kawża kontra l-imsejħa fil-kawża li da parti tagħha ippreżentat kontro-talba.

Permezz ta' sentenza in parte tat-3 ta' Mejju 2012, din il-Qorti diversament presjeduta ddeċidiet illi t-talbiet attriċi, illum il-konvenuta, kienu preskritti, filwaqt illi permezz ta' sentenza finali tas-26 ta' Mejju 2016, l-istess Qorti rrespinġiet il-kontro-talba. Minn dawn iż-żewġ deċiżjonijiet ma saru l-ebda appelli u allura llum huma *res judicata*.

Meta qamet din il-kwistjoni bejn is-soċjetà konvenuta u s-soċjetà imsejħa fil-kawża, is-soċjetà konvenuta talbet u ottjeniet mandat ta' qbid kawtelatorju fuq id-dgħajsa *MV French Kiss* li kien akkordat nhar is-27 ta' Mejju 2010. Bi qbil bejn l-attur u

Woods, l-attur agixxa ta' kunsinnatarju u d-dgħajsa baqgħet għandu. Dan il-mandat dam fis-seħħ sas-16 ta' Ottubru 2017.

Jidher li d-dgħajsa *de quo* għadha sal-lum maħżuna fil-*boat yard* tal-atturi. Kif diġà ntqal, l-istruzzjonijiet kollha lill-attur ġew mingħand Woods in kwantu li l-attur qatt ma tkellem ma' xi rappreżentant tal-imsejħa fil-kawża. Mis-sentenza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawża bejn il-konvenuta u l-imsejħa fil-kawża jirriżulta wkoll li kien hemm fil-fatt xi ftehim bejniethom dwar din id-dgħajsa u l-manutenzjoni tagħha iżda dan il-ftehim maż-żmien ġie tteriminat.

Is-soċjetà konvenuta mhux tikkontesta li l-atturi pprestaw servizzi, inkluż li pprovdew *spare parts* għad-dgħajsa u lanqas ma hu kkontestat illi din id-dgħajsa ilha maħżuna fil-*boat yard* tal-atturi tul dawn l-aħħar snin. L-argument ċentrali tas-soċjetà konvenuta huwa li għall-ħlas hija responsabbli l-imsejħa fil-kawża bħala sid id-dgħajsa kif ukoll illi l-ftehim bejn l-attur u Woods kien illi l-atturi jitħallsu malli tħallas l-imsejħa fil-kawża.

Mill-fattura esebita a fol. 130 u 131 jirriżulta li l-atturi qed jippretendu s-somma globali ta' €36, 268.15:

- Għax-xogħlijiet u servizzi reżi minnhom fuq id-dgħajsa;

- Għall-ħażna tad-dgħajsa għall-perjodu ta' tlett snin qabel ma sar il-mandat ta' qbid;

- Għall-ħażna tad-dgħajsa għall-perjodu ta' aktar minn seba' snin li dam il-mandat ta' qbid in vigore;

- Għall-ħażna tad-dgħajsa minn dakinhar illi tħassar il-mandat ta' qbid sat-30 ta' April 2019.

Mill-atti jirriżulta wkoll illi sid id-dgħajsa kienet qed tallega li hija qatt ma tat struzzjonijiet sabiex id-dgħajsa titqiegħed fil-*boat yard* tal-atturi u li għaldaqstant, ma kienitx ser tħallas.

Stabbilit dan kollu, din il-Qorti tqis illi l-atturi għandhom raġun jgħidu li r-relazzjoni ġuridika tagħhom hija unikament ma' Edward Woods in rappreżentanza tas-soċjetà konvenuta.

Kwalunkwe ftehim li kellha l-konvenuta mal-imsejħa fil-kawża huwa *res inter alios acta* għall-atturi. Mhuwiex il-każ li l-konvenuta kienet qed taġixxi ta' mandatarja tal-imsejħa fil-kawża u fil-fatt ma tressqet l-ebda prova li hija ngħatat xi struzzjonijiet jew li qatt informat lill-attur li kienet qed taġixxi fuq struzzjonijiet tal-imsejħa fil-kawża. A tenur tal-artikolu 999(1) tal-Kap. 16, *'Ħadd ma jista' b'kuntratt f'ismu jobbliga ruħu jew jikkuntratta ħlief għalih innifsu*.' Ghalkemm huwa minnu li l-attur qieghed jistenna li thallas is-socjetà imsejjha fil-kawza, jirrizulta illi dan kien biss ghaliex l-istess Woods kien qieghed jinfurmah hekk.

B'żieda ma dan u għal dak li għandu x'jaqsam mal-ħlas dovut lill-attur bħala kunsinnatarju, l-liġi tirrikonoxxi li l-kreditur għandu jħallas lill-kunsinnatarju meta fl-artikolu 282(d) tal-Kap. 12 hemm stabbilit li l-mandat ta' qbid għandu jkun fih l-ordnijiet tal-Qorti fejn, '*għandu jaħtar kunsinnatarju u għandu jintaxxa u jirċievi l-ħlas dovut lill-kunsinnatarju mingħand il-kreditur għall-perjodu li l-oġġetti maqbuda u elevati ser jagħmlu f'idejn il-kunsinnatarju b'dan illi dan il-ħlas jista' jiġi maqsum fuq perjodi li jiffissa r-Reġistratur skont in-natura tal-oġġetti maqbuda u elevati. Dan il-ħlas isir bla ħsara tal-jedd tar-rigress kontra d-debitur meta hemm lok għal dan ir-rigress.*'

Mir-rikors promotur jirriżulta li l-atturi qed jitolbu €6,420 '*in konnessjoni max-xogħol u servizzi inkluż storage, tad-dgħajsa MV French Kiss*' u kif ukoll likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas ta' dak dovut lill-attur bħala kunsinnatarju. Il-Qorti hija marbuta bit-talbiet kif dedotti u sejra għalhekk tikkundanna lill-konvenuta tħallas is-somma globali ta' €28,264 (€6,420 + €21,844).

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba;

2. Tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Trader Marine Yacht Services Limited tħallas lill-atturi s-somma ta' sitt elef, erba' mija u għoxrin Ewro (€6,420) bl-imgħax mid-data tas-sentenza;

3. Tilqa’ t-tielet talba;

4. Tilqa’ r-raba’ talba billi tillikwida l-ammont dovut lill-attur bħala kunsinnatarju fis-somma ta’ wieħed u għoxrin elf, tmien mija u erba’ u erbgħin Ewro (€21,844);

5. Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta Trader Marine Yacht Services Limited tħallas lill-attur s-somma komplessiva ta’ tmienja u għoxrin elf, mitejn u erba’ u sittin Ewro (€28,264), bl-imgħax mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mis-soċjetà konvenuta Trader Marine Yacht Services Limited.

IMHALLEF

DEP/REG